Minuti tas-seduta numru sittin (60) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Marzu 2023 fis-6:15pm fl-Uffiċċju Muniċipali ġewwa 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |

Il-laqgħa suppost saret ġimgħa ilu iżda kienet posposta bi qbil unanimu biex issir illum fil-perjodu bejn il-laqgħa preċedenti u meta kien imissha tinżamm.

Il-bidu tal-laqgħa (bejn is-6:00pm u s-6:15pm) fuq stedina tas-Sindku, kienet dedikata għal servizz propost mis-Sur James Sghendo biex jiġu regolarizzati dawk il-lampi kollha li huma irregolari mal-Korporazzjoni Enemalta. Il-proposta intlaqgħet (ara l-iskeda tax-xogħlijiet proposti) u se jingħata direct order fuq qbil unanimu.

Is-Sindku, il-kunsillieri u s-SE urew id-dispjaċir tagħhom għat-telfa ta’ Missier is-Sur Rudolph Grima filwaqt li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri bid-dettalji tal-funeral li se jsir għada, 16 ta’ Marzu.

| | | |
|---|---|---|
| 60.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta’ apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba kollha flimkien. Kienu skużati is-Sur Matthew Chetcuti, is-Sur Rudolph Grima u s-Sur Norbert Grech. | Talba Apoloġiji |
| 60.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru disgħa u ħamsin (59)**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona dawn il-korrezzjonijiet għall-minuti tas-seduta preċedenti li kienu meħuda b’moqrija u approvati b’mod unanimu kif proposti minnu stess u ssekondat mis-Sur Chris Farrugia. | Minuti |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 59.08 | Fis-seba' vers: jinqatgħu il-kelmiet 'dan il-proġett ġej jiswa €1.6m' u jiddaħħlu l-kelmiet 'il-valur tal-propjeta' tal-post hu stmat li tkun tiswa' madwar €1.6m' . Fl-istess item fit-tminn il-kelma 'jikklejmjaw' ġiet mibdula għal 'jitolbu'. | Korrezzjonijiet |
| 59.11 | Fl-ewwel vers tinqata' 'aktar minn' u tiddaħħal 'żewġ'. Fl-aħħar ta' dan il-paragrafu jinqatgħu minn '(hemm' sal-'Knisja' u jiddaħħlu l-kelmiet 'peress li fuq dawn iż-żewġ siti l-KLR għamel applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar'. | Korrezzjonijiet |
| 59.13.02 | Żdiedet is-sentenza fl-aħħar tal-paragrafu bil-kelmiet 'Il-Kunsill qabel li għandna nżommu ż-żewġ garaxxijiet, dak ta' Triq Mons Gużeppi De Piro bil-kirja eżistenti u dak ta' Triq Inguanez għal mhux aktar minn €600 fis-sena'. | Korrezzjonijiet |
| 60.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 345 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 64**<br>Iċ-Ċedola tal-pagamenti 345 u dik tal-Works Purchases Order 64 kienu approvati unanimament. | SOP 345 & PO/WO 64 |
| 60.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | |
| 60.04.01 | Għad-domanda ta' kunsillier, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ta update tax-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni li qed isiru fil-Muniċipju, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat. Hu qal illi issa ssaqfu l-kmamar tal-uffiċċju tas-Sindku kif ukoll tas-sala li ġejja l-uffiċċju tal-back office staff. Hu qal illi se jsir l-arblu fuq il-bejt u se tingħata l-konkos il-blokka tiegħu dalwaqt. | Xogħlijiet fuq il-Muniċipju. |
| 60.04.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-KLR illi l-applikazzjonijiet li ssottomettejna ta' Project Green kienu aċċettati bħala kompleti. Dawn kienu biex ikun konkluż ix-xogħol fuq il-Pjazza tal-Baħrija kif ukoll fuq il-Pjazza tas-Saqqajja. | Project Green |
| 60.05 | **Biex ikun ikkunsidrat li tiġi sottomessa applikazzjoni mil-Kunsill lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tittieħed b'devoluzzjoni kamra fi 16, Triq l-Isptar kantuniera mal-Isqaq biex minnha jibda' jopera l-għalliem tal-bini tal-presepji. LC1/2023/0009**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi japplika biex din il-kamra fi Triq l-Isptar tkun devoluta lilu biex minnha jsiru il-lezzjonijiet fit-tradizzjoni u s-snajja tal-bini tal-presepji esklussivament mis-Sur Leli Genovese li hu l-fundatur tal-*Għaqda Presepji Rabtin.* | *Għaqda Presepji Rabtin.* |
| 60.06 | **Propost Ġemellaġġ ma' Palazzolo**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-proposta li saritlu biex isir Ġemellaġġ ma' Palazzolo. Hu qal illi ltaqa' mas-Sindku ta' dan il-post fil-Festa ta' San Pawl ta' Frar 2023. Ingħad illi dawn għandhom il-festa tagħhom fl-Imnarja ta' Malta u jiċċelebraw il-Festa ta' San Pawl b'mod differenti kif ikunu ċċelebrati il-festi f'Malta. Intant, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona ġemellaġġ ieħor għas-Soċjeta' San Ġużepp ma' Santa Marija ta' Nikodija. | Ġemellaġġi |
| 60.07 | **Biex is-Sa Fabienne Vassallo tieħu l-Qualification Allowance wara li temmet b'suċċess Diploma in Public Management and Governance.**<br>Il-KLR approva l-Qualification allowance u feraħ lis-Sa Fabienne Vassallo għas-suċċess tagħha. Intant, issa se jsiru l-arranġamenti biex ikun hemm ir-refużjoni lill-KLR talli kien ħallas għal dawn il-lezzjonijiet. | Diploma |
| 60.08 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-permessi tal-kabbani fil-festa ta' San Ġużepp 2023 u d-diffikultajiet fil-ġbir tal-iskart fil-festa tal-istess kabbani**<br>Il-KLR approva l-lista tal-kabbani kif murija bħala dokument mal-agenda. Din il-lista kienet akkumpanjata bis-site plans annessi magħha biex kulħadd ikun jaf fejn u biex se jarmaw. Iddaħħal permess addizzjonali din is-sena biss dak taċ-Ċavett li se jarba fil-parkeġġ għaliex din is-sena għall-ewwel darba mhux se jsir in-nar tal-art. | Permessi tal-kabbani |

| | | |
|---|---|---|
| 60.09 | **L-approvazzjoni tal-kuntratt tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Pjazza San Duminku**<br>It-tender document li kien preżentat mis-SE mal-Agenda ma kienx aċċettat mil-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija. Għaldaqstant dawn irreferewna għal Inġinier li jaħdmu bih huma biex jikkompila dan id-dokument. | Tender - Pjazza San Duminku |
| 60.10 | **Biex ikun ikkunsidrat li tiġi sottomessa applikazzjoni mil-Kunsill lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex napplikaw b'DNO għall;-Embellishment tal-Monument ta' Ġużeppi De Piro mal-Awtorità tal-Artijiet**<br>Il-KLR ma kellux oġġezzjoni biex napplikaw mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex ikun jista' jsir l-embellishment tal-monument ta' Mons Gużeppi De Piro. Mingħajr l-approvazzjoni tad-DLG ma tkunx tista' toħroġ l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet. | Monument ta' Mons Guzeppi De Piro |
| 60.11 | **Proposta ta' Attività Open Day li tinvolvi il-Parroċċa, Ta' Ġieżu, Santu Wistin, San Franġisk u San Duminku**<br>Dwar din l-attività li bdew jaħdmu fuqha is-Sindku, is-Sur Sandro Craus kif ukoll is-Sur Rudolph Grima, id-diskussjoni ma saritx għaliex kienet posposta għal ġurnata aktar tard matul din is-sena milli kien previst. | Attività Kulturali |
| 60.12 | **Talba għal rimbors ta' spejjeż minn persuna li waqgħet fi Triq il-Kbira permezz tal-avukat tiegħu.**<br>Il-KLR qabel unanimament illi din it-talba trid issir ma' Infrastruttura Malta li qed tagħmel ix-xogħol ta' bini mill-ġdid ta' Triq il-Kbira. L-avukat li kiteb għan-nom ta' Fr Joe Henry Abela se jkun infurmat b'dan. | Waqgħa fi Triq Il-Kbira waqt xogħlijiet |
| 60.13 | **Proposta mid-dipartiment tal-Parole – 200 hrs community work**<br>Il-KLR ikkunsidra din it-talba u qal illi wieħed irid joqgħod verament kawt speċjalment għal persuni bħal dawn li jkunu vulnerabbli. Għaldaqstant kien deċiż illi jiltaqgħu mal-uffiċjali tal-Parole, is-Sindku, s-Sur Sandro Craus u s-SE biex nirrikunsidraw dan kollu. | Dipartiment tal-Partole |
| 60.14 | **Biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat japprova uffiċjalment varjanza ta' 14.7% fil-kejl ta' xogħol li kien sar f'Ta' Koronja minn Bonnici Bros, liema talba kienet magħmula mill-ARPA**<br>Il-KLR approva din il-varjanza biex infittxu nagħlqu l-kontijiet ma' Bonnici Bros peress li qed isiru d-diskussjonijiet mal-ARPA biex kollox ikun konformi mal-kuntratt iffirmat fl-2017. | Tarmac f'Ta' Koronja |
| 60.15 | **Offerta ta' 5 bring in sites bil-kontinituri I-bins akkumpanjati b'cctv cameras imqabbdin mal-LESA min Greenpak**<br>Din il-proposta kienet milqugħa. Dawn is-cctv cameras se jsiru fuq siti ġodda tal-Bring In Sites f'dawn il-postijiet:<br>• Tal-Virtu fejn il-palazz biex ikunu ta' servizz għal Tal-Virtù<br>• Fejn is-Sims jew fejn ġej id-Day Centre biex jipprovdu servizz f'Għajn Qajjet<br>• Għar Barka fejn il-Palazz biex jinqabdu mir-residenti ta' Għar Barka<br>• Il-Baħrija fuq il-lemin int u dieħel qabel l-ewwel bini<br>• Għeriexem fl-Isqaq tal-Marċ biex jipprovdu servizz għaċ-ċentru tar-Rabat | Ir-ri-introduzzjoni tal-Bring In Sites |
| 60.16 | **Punti Oħra** | |
| 60.16.01 | Tkellem is-Sur Nazju Cassar u kien ikkunsidrat li ssir manutenzjoni fuq pont li minnha jidħol bidwi f'Wied il-Bużbież. Dan il-bidwa, is-Sur Barbara, intqal li għamel investiment li kien rikonoxxut mill-awtoritajiet ċentrali u jinħtieġ sapport biex l-istess pont li hu d-daħla tal-propjeta' tiegħu, ikun rijabilitat. Se nitolbu stima biex tkun indirizzata din il-problema. | Pont f'Wied il-Bużbież |

| | | |
|---|---|---|
| 60.16.02 | Is-Sur Christopher Farrugia tkellem dwar il-konfużjoni tal-karozzi tal-ommijiet tal-istudenti fl-inħawi ta' Triq Godwin Ganado f'Tal-Virtù fi x'ħin ikunu deħlin u ħerġin it-tfal mis-Seminarju. Hu talab lill-Kunsill jitkellem ma' Fr Jimmy biex dawn ma jwaqqfux it-tfal f'din it-triq iżda iwaqqfuhom fi Triq tal-Virtù. | Skola tas-Seminarju |
| 60.16.03 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq ir-Rebħa mill-Korporazzjoni Enemalta. Hu qal illi wara li ntemm ix-xogħol ta' tħaffir ta' din it-trinka daħlu wkoll il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li wettqu xi trinek addizzjonali. Madankollu kien approvat biss reinstatement fuq il-gandott u mhux kisi mil-ġdid ta' din it-triq dejqa tal-medda kollha. Il-KLR qabel illi japplika għal direct order mad-DLG biex l-istess kuntrattur li wettaq dawn ix-xogħlijiet ikun jista' jkompli bil-qatran tat-triq sħiħa. | Reinstatement fi Triq ir-Rebħa |
| 60.17 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss**.<br>Il-laqgħa spiċċat fit-8:15pm u dik li jmiss se ssir nhar id-19 ta' April fis-6.00pm. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18 ta' April 2023 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku